

PREMIJIET TAL-UE GĦAS-SETTUR ORGANIKU

Introduzzjoni ġenerali

Iż-żieda fil-produzzjoni organika tikkontribwixxi b' mod sinifikanti għat-tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti kimiċi, pestiċidi u antimikrobiċi u għandha effetti pożittivi fuq il-klima, l-ambjent, il-bijodiversità u l-benessri tal-annimali tagħna. Hu għalhekk li l-produzzjoni organika ġiet identifikata bħala xi ħaġa li taqdi rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ddefinjiet mira ta' 25% tal-art agrikola tal-UE għall-biedja organika sal-2030 u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika.

B'appoġġ għal dik il-mira, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni¹ f'Marzu 2021. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jieħu l-approċċ li, biex tiġi stimolata l-produzzjoni organika, id-domanda tal-konsumaturi għall-prodotti organiċi trid tikber. Dan jeħtieġ, fost affarijiet oħra, aktar għarfien pubbliku dwar il-karatteristiċi u l-benefiċċju tal-produzzjoni organika. Għal dan il-għan, il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi t-tnedija ta' premijiet annwali li jirrikonoxxu l-eċċellenza fil-katina tal-valur organiku. Dawn il-premijiet se jingħataw għat-tieni darba fl-2023.

Ara [r-rebbieħa u l-finalisti](#) tal-premijiet organiċi tal-2022.

Huma ppjanati seba' kategoriji ta' premijiet li jinkludu tmien premijiet:

- Kategorija 1: L-aqwa bidwija organika u l-aqwa bidwi organiku²
- Kategorija 2: L-aqwa reġjun organiku
- Kategorija 3: L-aqwa belt organika
- Kategorija 4: L-aqwa bijodistrett organiku
- Kategorija 5: L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku³
- Kategorija 6: L-aqwa bejjieġħ bl-imnut tal-ikel organiku
- Kategorija 7: L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku⁴

Dawn il-premijiet mhumiex finanzjarji u se jingħataw fit-23 ta' Settembru jew f'data qrib, li huwa l-Jum Organiku tal-UE.

Introduzzjoni speċifika għas-sejħa

- **Kategorija 1:** L-oġġettiv tal-premju **"L-aqwa bidwi organiku"** huwa li jiġu ppremjati **bidwi wieħed u bidwija waħda** li jiżviluppaw proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta' ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 2:** L-oġġettiv tal-premju **"L-aqwa reġjun organiku"** huwa li jippremjja reġjun li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta' ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=CELEX%3A52021DC0141>

²Tinkludi kemm it-trobbija bbażata fuq l-art kif ukoll l-akkwakultura

³Tinkludi dawk li jipproċessaw il-prodotti organiċi tal-akkwakultura

⁴ Ristorant (ristorant waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen)

- **Kategorija 3:** L-objettiv tal-premju **“L-aqwa belt organika”** huwa li tiġi ppremjata belt li żviluppat proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 4:** L-objettiv tal-premju **“L-aqwa bijodistrett organiku”** huwa li jippremja *“bijodistrett”* li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 5:** L-objettiv tal-premju **“L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku”** huwa li jippremja Impriża ta’ Daqs Żgħir u Medju (SME) li tipproċessa l-prodotti organiċi li żviluppat proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 6:** L-objettiv tal-premju **“L-aqwa bejjiegħ bl-imnut organiku”** huwa li jiġi ppremjata bejjiegħ bl-imnut li jbigħ prodotti organiċi li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.
- **Kategorija 7:** L-objettiv tal-premju **“L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku”** huwa li jippremja ristoranti/servizz tal-ikel li hu ristoranti (waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen) li jipproponi referenzi ċċertifikati organiċi fil-menù tiegħu li żviluppa proġett eċċellenti, innovattiv, sostenibbli u ta’ ispirazzjoni li jipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum organiċi.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għoti

1. L-applikazzjonijiet għall-Premjijiet tal-UE għas-Settur Organiku għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin:

a) Il-punt tat-tluq għal applikazzjoni għal wieħed mill-premjijiet huwa s-sit web li ġej:

https://agriculture.ec.europa.eu/farming/organic-farming/organic-action-plan/eu-organic-awards_en

Dan is-sit web se jillinkja mal-formoli ta’ applikazzjoni għal kull wieħed mill-premjijiet. Kwalunkwe applikazzjoni għandha titressaq **sal-14 ta’ Mejju 2023, 23:59:59 CEST**.

b) L-applikazzjonijiet iridu jkunu f’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

c) L-applikanti jridu jkunu persuni ġuridiċi jew fiżiċi stabbiliti jew residenti f’wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE.

d) Il-proġett sottomess irid ikun ibbażat fl-UE u jirreferi b’mod ċar għall-waħda mis-seba’ kategoriji ta’ premjijiet/tmien premjijiet. L-istess proġett ma jistax jiġi ppreżentat għal kategoriji/premjijiet differenti. Kull applikant jista’ japplika biss għal **premju wieħed**. L-għadd massimu ta’ applikazzjonijiet għal kull premju huwa wieħed.

e) Ir-rebbieħa tal-edizzjoni tal-2022 ma jistgħux jerġgħu japplikaw għall-edizzjoni tal-2023. Il-finalisti mhux rebbieħa tal-edizzjoni tal-2022 jistgħu jerġgħu japplikaw għall-edizzjoni tal-2023.

f) Il-proġett irid ikun ġie implimentat bis-sħiħ jew irid ikun fi stat matur biżżejjed sabiex il-ġurija tkun tista’ tivvalutah (jiġifieri l-implimentazzjoni fiżika trid tkun avvanzata biżżejjed biex turi l-kisba tal-objettivi).

g) Kriterji ta’ eliġibbiltà speċifiċi għal kull kategorija tal-premju:

- **L-aqwa bidwija organika u l-aqwa bidwi organiku:** l-ċertifikat skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/848⁵;
- **L-aqwa reġjun organiku:** Ebda kriterju speċifiku ta' eliġibbiltà.
- **L-aqwa belt organika:** Ebda kriterju speċifiku ta' eliġibbiltà; f'każ li l-belt topera razzett jew ħanut organiku wieħed jew aktar, għandha tiġi pprovduta prova taċ-ċertifikazzjoni organika tagħhom. Il-prova għandha tkun ċertifikat validu fil-mument tas-sottomissjoni;
- **L-aqwa "bijodistrett" organiku:** "Bijodistrett" huwa ddefinit bħala żona ġeografika fejn il-bdiewa, il-pubbliku, l-operaturi tat-turisti, l-assoċjazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi jidħlu fi ftehim għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi lokali, abbażi ta' prinċipji u prattiki organiċi;
- **L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku:** Impriża ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u li għandha produzzjoni 100% organika u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME⁶ (impriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx €50 miljun, u/jew li għandha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx €43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala impriżi. L-ipproċessar irid jinftiehem kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 852/2004⁷.
- **L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku:** Impriża ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u li għandha referenzi ċċertifikati 100% organiċi għall-bejgħ (minbarra oġġetti mhux tal-ikel jew prodott tal-ikel li ma jeżistux fil-forma organika) u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME⁸ (impriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx €50 miljun, u/jew li għandha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx €43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala impriżi;
- **L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku:** Impriża li għandha referenzi ċċertifikati organiċi 100% fil-menù tagħha, meta jkun possibbli u li tikkonforma mad-definizzjoni ta' SME⁹ (impriża li timpjega inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx €50 miljun, u/jew li għandha total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx €43 miljun). Il-koperattivi jistgħu jitqiesu bħala impriżi.

⁵Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R0848>)

⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)

⁷ Artikolu (2) (m), (n) u (o) "definizzjonijiet" tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel jistipula:

(m) "proċessar" tfisser kwalunkwe azzjoni li sostanzjalment tibdel il-prodott inizjali, inkluża s-sħana, l-iffumigar, il-preservazzjoni, it-tisjir naturali, it-tnixxif (tqaddid), l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estruzzjoni jew ġemgħa ta' dawk il-proċess;

(n) "prodotti mhux proċessati" tfisser l-oġġetti tal-ikel li ma jkunux għaddew mill-ipproċessar, u jinkludu prodotti li jkunu ġew maqsuma, mifruda, imqaċċta, imfella, dissussati, imqatta' kappuljat, imqaxxa, mişħuqa, imqatta', imnaddfa, imberfla, imfesdqa, mitħuna, imkessħa, iffriżati, iffriżati bil-qawwi jew imdewba;

(o) "prodotti proċessati" tfisser oġġetti tal-ikel li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti mhux ipproċessati. Dawn il-prodotti jista' jkun fihom ingredjenti li huma meħtieġa għall-manifattura tagħhom jew sabiex jagħtuhom karatteristiċi speċifiċi.

⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32003H0361&from=EN>)

2. L-applikanti eliġibbli kollha se jiġu vvalutati mill-ġurija tal-Premjijiet tal-UE għas-Settur Organiku skont il-kriterji orizzontali tal-għoti li ġejjin:

- **Eċċellenza:** Ir-rebbieħ irid ikun żviluppa inizjattiva eċċellenti li tipproduċi valur miżjud reali għall-produzzjoni organika. Dan ifisser riżultati tajbin u impatt tal-proġett f'rabta mal-objettivi inizjali tiegħu. Il-proġetti jridu juru l-impatt tagħhom fuq iż-żona u t-territorju kkonċernati u juru r-riżultati tagħhom meta mqabbla mal-miri u l-objettivi stabbiliti inizjalment.
- **Karattru innovattiv tal-proġett fil-kategorija tal-premju magħżula:** Il-proġetti ma jridux ikunu "kollox bħas-soltu" iżda jridu juru approċċi ġodda, metodi organizzattivi ġodda, jew l-iżvilupp ta' riżultati ġodda jew imtejba (b'mod sinifikanti) għall-prodotti organiċi. Il-kriterji għall-kejl tal-karattru innovattiv għal kull kategorija huma spjegati aħjar fit-taqsimi ddedikata tal-kategorija.
- **Pilastri tas-sostenibbiltà (ambjentali, soċjali ekonomiċi) tal-proġett:** Il-proġetti għandhom juru s-sostenibbiltà tagħhom u l-futur tagħhom bħala inizjattiva jew proġett awtonomu b'dettalji dwar kif il-proġett tagħhom jilħaq kull pilastru tas-sostenibbiltà fi 3 sottotaqsimiet differenti
- **Transferibbiltà u possibbiltà li l-proġett jiġi replikat xi mkien ieħor fl-UE::** Il-proġett irid juri li jirrappreżenta Prattika tajba f'kuntast usa' (UE) u li hu ta' ispirazzjoni jew jista' jispira postijiet oħra. Il-proġett irid juri wkoll modi tajbin kif jiġu kkomunikati l-għanijiet u r-riżultati tiegħu.

L-applikanti jridu jwieġbu mistoqsijiet ta' gwida, żviluppata f'rabta mal-erba' prinċipji tal-pilastri tal-agrikoltura organika u l-pilastri tas-sostenibbiltà, u jridu jipprovdu taqsira tal-proġett. Dawn il-mistoqsijiet se jgħinu lill-applikanti biex jistrutturaw aħjar it-tweġibiet tagħhom u lill-ġurija biex tikseb aktar *data* dwar l-applikanti.